

# Il-Konferenza dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa:


## Gwida tal-Websajt għall-Utenti Ġenerali



Conference  
on the **Future**  
of **Europe**

**Merħba għall-Konferenza dwar il-gwida għall-utent tal-Pjattaforma dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa! Il-pjattaforma tippermettitek tikkontribwixxi għas-suġġetti tal-Konferenza. Biex tkun tista' tiegħu sehem u taqşam l-ideat tiegħek, ikollok bżonn tiffamiljarizza ruħek mal-karatteristiċi ewlenin tal-pjattaforma. Din il-gwida tispjega kif tista' tuża l-pjattaforma.**

# 1 Irreġistra



Biex tiegħu sehem, jeħtieġ tidħol fil-pjattaforma. Biex tkun tista' tagħmel dan, trid toħloq Login tal-UE, jekk mhux diġà għandek wieħed. Jekk jogħġbok irreferi għall-[websajt tal-Login tal-UE](#) biex tagħmel dan (~ 3 minuti). Ladarba tkun ikkonfigurajt il-login tal-UE tiegħek, ikklikkja fuq il-buttuna "Login" fuq il-pjattaforma tal-Konferenza dwar il-ġejjieni tal-Ewropa (ara r-ritratt tal-iskrin hawn taħt). Imla l-oqsma bl-indirizz elettroniku u l-password tiegħek. Ladarba tkun dħalt fil-pjattaforma, se twieġeb xi mistoqsijiet qosra dwarek (eż. minn liema pajjiż int, l-età u l-isfond tiegħek). Ladarba tkun għamilt dan, se tkun lest biex issegwi l-passi ta' hawn taħt!



Konferenza  
dwar il-Futur  
tal-Ewropa

[Illoggja\(a\)](#) [Malti](#)

[Paġna Ewlenija](#) [Dwar il-Konferenza](#) [Suġġetti](#) [Avvenimenti](#)

## 2 Profil pubbliku

Konferenza  
dwar il-Futur  
tal-Ewropa

Illogġat(a) Malti

Paġna Ewlenija Dwar il-Konferenza Suġġetti Avvenimenti

### Il-profil pubbliku tiegħi - Qed issegwi

Kronoloġija L-Attività Tiegħi **Qed issegwi** Segwaċi

1 Segwaċi 5 Qed issegwi

Editja l-kont

**Suġġetti**

- Demokrazija Ewropea**  
Tisħiħ tad-Demokrazija Ewropea  
Kontribut għad-demokrazija Ewropea jfisser li ssemma' l-vuċi tiegħek,...
- Ekonomija aktar b'saħħiħa, ġustizzja soċjali u impjieg**  
Ekonomija li taħdem għalik  
Il-pandemija tal-coronavirus hija sfida bla preċedent għall-ekonomija Ewro...
- L-UE fid-dinja**  
Insaħħu tmexxija globali responsabbli  
Il-pandemija tal-coronavirus hi tfakkira qawwija li l-Ewropa ti...
- Tibdil fil-klima u l-ambjent**  
Inwittu t-triq għal futur aktar sostenibbli  
Il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u l-ħsara ambjentali ...

Biex tikkonfigura l-profil tiegħek, mur fil-kont tiegħek, li jidher fuq il-paġna ewlenija taħt isem il-kont. Tista' teditja l-laqam pubbliku tiegħek fuq din il-paġna.

Kif tixtieq tkun aġġornat dwar il-Konferenza? Tista' tagħżel is-settings tan-notifiki tiegħek permezz tat-tieni item fuq it-tab tax-xellug tal-kont tiegħek. Inti tagħżel il-preferenzi tiegħek: trid tirċievi n-notifiki kollha bil-posta elettronika, notifiki biss dwar in-nies jew il-konsultazzjonijiet li ssegwi jew l-ebda notifika? Minbarra l-ittri elettroniċi, paġna ta' notifika hija aċċessibbli fuq il-pjattaforma billi tikklikkja fuq il-qanpiena. Tista' tbiddel is-settings tal-kont u tan-notifiki tiegħek fi kwalunkwe ħin. Il-possibilità li tagħżel li tirċievi jew ma tirċevix newsletters tinstab ukoll f'din it-tab u fin-nota tal-qiegħ ta' kwalunkwe newsletter jekk tagħżel li tirċevihom.

## ③ Parteċipazzjoni

Għal kull suġġett, hemm diversi modi kif tista' tipparteċipa billi tuża karatteristiċi differenti tal-pjattaforma. Dawk li se tuża l-iktar spiss se jkunu l-karatteristiċi ta' "idea" u "avveniment".

### Ideat

Mur fuq "Ideat" biex taqra, tapprova u/jew tikkummenta dwar il-kontribuzzjonijiet sottomessi u biex **iżżid tiegħek billi tikklikkja fuq "Idea ġdida +"**. Ibda billi tagħti titlu lill-idea tiegħek (sa 150 karattru) u tikteb ftit linji biex tiddeskrivi s-suġġett tal-idea tiegħek (sa 1500 karattru). Fil-paġna li jmiss, l-idea tiegħek se titqabbel ma' ideat simili oħra. Jekk l-idea tiegħek hija oriġinali, tista' tkompli, tagħżel kategorija sottotematika u żżid stampa jew dokument jekk tixtieq. Imbagħad issottomettiha biex tasal għall-aħħar pass: tista' tirrevediha u mbagħad finalment tippubblikaha!

### Avvenimenti

Tista' wkoll tipparteċipa f'avvenimenti. Dawn l-avvenimenti jistgħu jintużaw biex tinvolvi ruħek f'riflessjoni aktar fil-fond dwar kwistjonijiet speċifiċi jew biex torganizza mumentu aktar informali bejn membri ta' organizzazzjoni jew kwalunkwe grupp, biex jaħdmu flimkien fuq ideat kollettivi u mbagħad jaqsmuhom fuq il-pjattaforma. Hawnhekk tista' ssib l-avvenimenti kollha li ġejjin, tftitex dawk li jinteressawk u tirreġistra!

Fuq il-paġna "Avvenimenti" tara l-avvenimenti differenti li diġà seħħew jew li ġejjin. Meta tikklikkja fuq waħda minnhom, ikollok aċċess għal spjegazzjonijiet dwar kif tipparteċipa f'avvenimenti li ġejjin jekk tixtieq. Jekk trid tagħti ħarsa lejn avvenimenti li diġà seħħew, tkun tista' taqra r-rapporti tagħhom u l-kontribuzzjonijiet u l-ideat li ġew elaborati matul dawn l-avvenimenti.



Jekk jogħġbok irreferi għall-["Gwida tal-Websajt għall-Organizzaturi tal-Avvenimenti"](#) jekk tixtieq torganizza avveniment.

## 4 Messaġġi

Mill-ideat u l-kummenti ppubblikati, tista' tara l-profil ta' utenti oħra u mbagħad tikkuntattjahom billi tikklikkja fuq l-ikona tal-"Envelop".

**Ibda konverżazzjoni:** il-kuntatt tiegħek se jirċievi notifika bil-posta elettronika.

The screenshot shows a user interface for sending a message. At the top left is the logo for 'Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa'. To the right are icons for notifications, email, and a search bar with the text 'Illoggja(a) Malti' and a 'Fittex' button. Below this is a navigation bar with 'Paġna Ewlenija', 'Dwar il-Konferenza', 'Suġġetti', and 'Avvenimenti'. The main content area shows a message being composed to 'Konverżazzjoni ma' Meena OSP @meena\_osp'. The message text reads: 'Ibda konverżazzjoni' followed by a disclaimer '\* Il-kampijiet tad-data meħtieġa huma mmarkati b'asterisk'. The message body contains 'Għażiż Meena,' and 'Grazzi talli hadt sehem fil-Konferenza dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa...'. A blue 'Ibghat' button is at the bottom right.

Tista' ssib l-iskambji privati kollha tiegħek ma' utenti oħra billi tikklikkja fuq l-ikona tal-envelop fl-istrixxa tan-navigazzjoni.